DEĊIŻJONI TIAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2019/1946

tad-19 ta' Novembru 2018

li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euroatom), u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO) jenħtieġ li jiġi konkluż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu uniku

Il-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO) hija b'dan approvata.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Novembru 2018.

Għall-Kunsill
Il-President
F. MOGHERINI